



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Sajd

2012/2063(INI)

21.6.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar ir-Rapport 2011 tal-UE dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp
(2012/2063(INI))

Rapporteur għal opinjoni: João Ferreira

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddeplora l-fatt li parti kbira mill-objettivi tal-ftehimiet ta' sħubija fil-qasam tas-sajd ma kkontretizzawx; jiddispjaċih b'mod partikolari dwar ir-riżultati dgħajfa fl-oqsma tal-kooperazzjoni xjentifika u teknika u l-għajnuna għall-iżvilupp sostenibbli fis-settur tas-sajd (u l-industrija konnessi) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
2. Jinnota li l-ftehimiet ta' sħubija fil-qasam tas-sajd, b'mod ġenerali, twettqu biss bi trasferiment tal-fondi lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex ikunu jistgħu jintużaw ir-riżorsi ta' ħut tagħhom; jiddeplora din il-viżjoni tal-ftehimiet, li tmur kontra l-ispiritu u l-objettivi espressi;
3. Jenfasizza li l-ftehimiet għandhom jipromwovu, fuq medda ta' żmien medja, l-isfruttar mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw tar-riżorsi tagħhom stess, kemm għall-konsum intern kif ukoll għall-esportazzjoni, biex b'hekk jiżdied is-sehem ta' prosperità maħluqa u miżmuma fil-pajjiżi;
4. Jikkunsidra l-formulazzjoni konġunta ta' mudelli m'objettivi, azzjonijiet u indikaturi, sabiex tiġi segwita aħjar l-implimentazzjoni tal-fondi, fi spirtu ta' sħubija; jenfasizza li dan is-segwitu jeħtieġ l-adozzjoni ta' proċeduri korrettivi, li għandhom jiffasslu ma' pajjiżi terzi, kull darba li tiġi nnutata diverġenza b'rabta mal-objettivi;
5. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm data xjentifika aġġornata dwar l-"istokkijiet" tas-sajd u l-isforz tas-sajd globali fl-ilmijiet ta' kull pajjiż; iqis li l-valutazzjoni xjentifika għandha ssir qabel il-firma tal-ftehimiet, jew mill-inqas, dawn il-ftehimiet għandhom jikkontribwixxu għall-użu tad-data;
6. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU); ifakkar li bosta bastimenti ma jirraportawx kif xieraq dwar il-qabdiet tagħhom, mhumiex spezzjonati, u li d-data fornita mill-bastimenti ma tiġix verifikata, u li ma ssirx identifikazzjoni ċara tal-ispeċijiet maqbuda; iqis li l-UE tista' u għandha tikkontribwixxi iktar għas-sejba ta' soluzzjoni għal dawn il-problemi;
7. Jixtieq tfassil aħjar tal-ftehimiet bi strumenti eżistenti fil-qasam tal-politika għall-iżvilupp, partikolarment bil-FEŻ, kif ukoll b'kundizzjonijiet ta' aċċess għas-swieq tal-UE għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.